Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,613, 23 ta' April, 2021

Taqsima B

A.L. 180 tal-2021

KODIĊI KRIMINALI
(KAP. 9)

Regolamenti tal-2021 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Ordnijiet ta' Ffriżar u Ordnijiet ta' Konfiska

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 628A u 628B tal-Kodiċi Kriminali, il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Ordnijiet ta' Ffriżar u Ordnijiet ta' Konfiska.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għad-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiġi implimentat ir-Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konsfiska, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament".

Ħatra ta' awtoritajiet kompetenti.

2. (1) Meta Malta tkun l-Istat emittenti għall-finijiet tar-Regolament, il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandhom jiġu maħtura bħala awtoritajiet kompetenti emittenti fir-rigward ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska:

Iżda l-Avukat Ġenerali għandu jkun l-awtorità ta' validazzjoni għall-finijiet tar-Regolament.

(2) Meta Malta tkun l-Istat ta' eżekuzzjoni għall-finijiet tar-Regolament, l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jkun maħtur bħala l-awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti.

Trasmissjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska

3. (1) Ordni ta' ffriżar trasmessa lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandha tkun akkumpanjata mill-ordni ta' ffriżar oriġinali u traduzzjoni taċ-ċertifikat ta' ffriżar.

(2) Ċertifikat ta' konfiska trasmess lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jkun akkumpanjat mill-ordni ta' konfiska oriġinali u traduzzjoni taċ-ċertifikat ta' konfiska.